KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
F: (0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
www.iklin.lc.gov.mt

Jannar 7, 2019

## Rapport Amministrattiv għall-perjodu ta' bejn Jannar u Diċembru 2018

Kif jitlob l-Att XV tal-1993 dwar it-twaqqif tal-Kunsilli Lokali (Kap. 363), tal-anqas, darba fis-sena, il-Kunsill Lokali għandhom isejħu laqgħa tal-lokalità li għandha tinżamm qabel il-laqgħa li fiha l-Kunsill ikun ser jikkunsidra l-estimi għas-sena finanzjarja. Il-Kunsill Lokali, wara din il-konsultazzjoni pubblika mar-residenti, iħejji Pjan ta' Ħidma ta' tliet snin li jkun rivedibbli.

**Allokazzjoni finanzjarja 2018**

| | |
|---|---|
| Parks and Gardens | €3,708.24 |
| Urban Maintenance | €51,420.51 |
| Rural Maintenance | €12,312.85 |
| Street Sweeping | €30,607.70 |
| Rural Cleaning | €5,353.41 |
| Waste Management | €54,082.65 |
| Administration Costs | €93,568.58 |
| Waste Tipping Fees | €11,671.00 |
| **Total Allocation for 2018** | **€262,725.00** |

Meta wieħed jikkompara l-allokazzjoni finanzjarja tas-sena 2018 mqabbla mas-sena 2017, jirriżulta li kien hemm żieda ta' Eur10, 797 li jfisser 4.29% perċentwali.

Il-Kunsill Lokali, bħas-snin preċedenti, osserva bi prudenza l-immaniġġjar tal-finanzi li huwa wieħed mill-prinċipji importanti li Kunsill irid jaħdem bih. Rapporti finanzjarji jiġu ppreżentati kull tliet xhur għall-approvazzjoni tal-Kunsill u dawn ir-rapporti huma pubbliċi fejn wieħed jista' faċilment jaċċessa għalihom permezz tas-sit elettroniku www.localgovernment.gov.mt



Sindku (Mayor): Anthony Dalli, Viċi Sindku (Deputy Mayor): Dr Dorian Sciberras LL.D,
Kunsilliera (Councillors): Wilfrid Buttigieg, Maris Azzopardi, Yvonne Bartolo

**L-amministrazzjoni u l-operat tal-Kunsill**

L-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali hija komposta minn Segretarju Eżekuttiv f/timer, Asst. Prinċipal Uffiċċjal u Uffiċċjal Eżekuttiv fuq bażi Part-Time. Fil-każ tal-Asst. Prinċipal Uffiċċjal, il-Kunsill Lokali kien approva li din l-impjegata tibbenifika mill-*Family Friendly Measures* u taħdem bi *reduced hours* għal 30 siegħa fil-ġimgħa. Ħaddiem assenjat mall-Kunsill tal-*Community Workers Scheme Enterprise Foundation* u ħaddiem ta' RSSL assenjat mall-Kunsill Lokali L-Iklin.

Matul is-sena li għaddiet, l-amministrazzjoni ppruvat tidentifika n-nuqqasijiet li seta' kien hemm fl-għoti ta' servizzi u anke tindika l-livell ta' servizz li qed jingħata biex inkomplu ntejbu s-servizzi li noffru.

Il-Kunsill Lokali joffri diversi servizzi pubbliċi u huma varji. L-amministrazzjoni għandha l-għan li toffri s-servizzi b'mod effiċċjenti u effikaċi.

Matul is-sena 2018, il-Kunsill Lokali irċieva (269) ilment li jvarjaw minn qtugħ ta' lampi fit-toroq residenzjali sa *water leakages, traffic management isssues, defective surfaces,* u oħrajn. (195) tal-ilmenti ngħalqu a sodisfazzjon tal-klijenti filwaqt li l-Uffiċċju għadu jsegwi l-pendenzi bil-għan li jiġu ndirizzati u magħluqa sintendi jiddependi min-natura tal-ilment/suġġeriment. Hemm istanzi fejn il-Kunsill Lokali jkun irid jirriferi dawn l-ilmenti lill-entitajiet oħra li jieħdu aktar żmien biex il-każijiet jiġu investigati u ittrattati.

Minn żmien għal żmien, ikun hemm tibdil fil-*policies* u proċeduri fejn il-Kunsill Lokali ried jaderixxi magħhom. Ħafna mid-drabi, għalkemm it-tibdil ikun meħtieġ, il-proċessi jitwalu u trid taħdem fuq *time management.*

Skont l-istatistika li nġabret mill-Uffiċċju, il-Kunsill Lokali ħareġ madwar (649) permess għal Depożitu ta' Makkinarju goff, (96) permess għal Depożitu ta' Skip Industrijali f'toroq residenzjali, (32) permessi għal Twaqqif ta' Posta jew Kiosk, (7) permessi għal xogħlijiet ta' trinek.

Il-Kunsill Lokali joffri servizzi oħra bħal tqassim ta' vouchers (The Celiac Voucher Scheme), u s-servizzi oħra bħal 'Seasonal Influenza vaccine' fejn skont l-informazzjoni li ġbart, kienu 260 resident 'il fuq minn 55 sena li ngħataw dan is-servizz bħala prevenzjoni kontra l-influenza.

Il-Kunsill Lokali joffri wkoll servizzi oħra bħal ħlas tal-liċenzi tal-ħwienet tan-negozju, il-ħlas tal-multi, il-kirjiet, u naturalment iservi bħala *one stop shop* dwar servizzi pubbliċi online.

Lejn l-aħħar kwart tas-sena, l-amministrazzjoni tal-Kunsill kienet ferm attiva peress li fil-31 ta' Ottubru ġie varat pjan nazzjonali dwar l-immaniġġjar tal-iskart fil-lokalitjaiet Maltin. Matul dan il-perjodu, il-volum tax-xogħol żdied sew minħabba li l-Kunsill tista tgħid spiċċa jservi bħala *Customer Care* ta' WasteServ Malta biex l-Uffiċċju jwieġeb għad-domandi tar-residenti dwar l-iskeda l-ġdida tal-iskart u d-distribuzzjoni tal-*organic waste bins.*

**Sessjonijiet ta' informazzjoni u taħriġ għall-amministrazzjoni**

Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali għal sena oħra kien katalista biex ikompli jħarreġ lis-Segretarji Eżekuttivi. Matul is-sena, is-Segretarji Eżekuttivi attendew għal sessjonijiet ta' taħriġ dwar PA plans, PA Policies, PA procedures, E-Application (EAPPS) & Urban Design. Taħriġ kontinwu li jkompli jtejjeb il-kompetenzi tas-Segretarji Eżekuttivi fil-Kunsilli Lokali.

Wara numru ta' laqgħat bejn il-partijiet konċernati u minkejja diversi tentattivi biex jintlaħaq ftehim sfortunatament dawn il-laqgħat ma ħallewx ir-riżultati mixtieqa.

Wara dawn it-turbolenzi, il-Kunsill Lokali ma kellux triq oħra għajr li joħroġ sejħa ta' interess fost ir-residenti tal-Iklin biex jissieħbu persuni ġodda li jkunu interessati biex jirrappreżentaw lill-Kunsill Lokali L-Iklin fuq il-Kumitat ta' Lija/Iklin Football Youth Nursery. Dan skont ftehim li kien sar mat-twaqqif ta' Lija/Iklin Football Youth Nursery. Il-Kunsill laqa' żewġ nomini u rrifjuta t-tielet nomina peress li l-membri tal-Kunsill ma setgħux japprovaw nomina ta' persuna li ma kellhomx konoxxenza tagħha.

Fis-seduta tal-21 ta' Awwissu l-Kunsill kiteb uffiċċjalment lis-Segretarju ta' Lija Athletic F.C. biex jinforma bin-nominazzjonijiet il-ġodda għall-istaġun 2018-19. Il-Kunsill kien ukoll iddeċieda b'mod unanimu li fil-bidu tas-sena l-ġdida 2019 jerġgħu jibdew il-laqgħat bejn il-partijiet biex isir reviżjoni tal-ftehim eżistenti dwar din id-dixxiplina sportiva.

Kien deċiż b'mod unanimu li l-Kunsill jirringrazzja b'mod partikolari lill-Uffiċċjali uxxenti u ex-membri tal-Kumitat li servew matul dawn is-snin kollha permezz ta' serata lejn l-aħħar tas-sena fejn kien maħsub jiġi ppreżentat lilhom Ċertifikat ta' Apprezzament għax-xogħol impekkabbli li wettqu sa mit-twaqqif ta' Lija/Iklin Football Youth Nursery.

**Titjib fl-infrastruttura u xogħlijiet anċillari fil-lokalità**

Fil-Pjan ta' Ħidma, il-Kunsill Lokali kien fir-responsabbiltà u fl-obbligu li jkompli jtejjeb l-infrastruttura tal-lokal. Matul is-sena 2018, il-Kunsill, wara li ħareġ Tender għall-Manutenzjoni ta' toroq u bankini fl-Iklin, ħadem fuq program ta' xogħol li kien jikkonsisti *f'reinstatement* ta' bankini fi Pjazza Ninu Cremona, Triq P. A. Cuschieri, Triq Ġużè Bonnici, u Triq Giorgio Locano.

Bħala parti mill-programm ta' manutenzjoni fuq ir-restawr tal-ħitan tas-sejjiegħ fl-Iklin partikolarment il-ħitan tas-sejjiegħ li kienu saru taħt il-Miżura 323 ftit tas-snin ilu, il-Kunsill għandu l-obbligu li jżomm fi stat tajjeb dawn il-ħitan. Matul is-sena, kellu jsir programm ta' manutenzjoni fuq ħitan tas-sejjieħ li kkollassa fi Triq ir-Razzett l-Aħmar, parti minn Triq San Mikiel u parti minn Triq in-Namur, u parti fi Triq Anton Manoel Caruana. Il-Kunsill huwa kommess li jibqa' jħares l-ambjent u l-patrimonju rurali fl-Iklin.

Biex il-Kunsill jassigura s-saħħa u s-sigurtà fil-*playingfield* li jinsab fi Pjazza Ninu Cremona, ġie stallat *fence u* grada ġdida biex il-Kunsill jassigura sigurtà għat-tfal li jiffrekwentaw il-bandli.

Il-Kunsill kompla għaddej bil-funzjoni tiegħu billi ipprovda manutenzjoni tas-sinjali u l-marki tat-toroq, tindif ta' *rain water culverts*, u xogħlijiet oħra ta' manutenzjoni li saru mill-ħaddiema assenjati mall-Kunsill.

Biex il-Kunsill ikompli jtejjeb l-infrastruttura tad-dawl fit-toroq tal-Iklin, saru talbiet għall-lampi ġodda biex it-toroq ikollhom dawl suffiċċjenti għall-ġid komuni tar-residenti. Matul din is-sena, ġew stallati lampi ġodda fi Triq il-Prinjol, Triq ir-Razzett l-Aħmar, Sqaq fi Triq il-Ħwawar, u Triq Għargħur.

**Laqgħa Plenarja organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali**

Il-Kunsill Lokali L-Iklin kien preżenti għal din il-laqħa annwali li saret nhar is-27 ta' Ottubru bil-parteċipazzjoni tas-Sindku Anthony Dalli, il-Viċi Sindku Dorian Sciberras, u l-Kunsillier Yvonne Bartolo fejn ġiet diskussa l-*White Paper* dwar ir-Riforma tal-Gvern Lokali.

**Aċċessibilità fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill**

Fl-1 ta' Novembru 2017, is-Sindku Anthony Dalli kellu laqgħa mal-Onorevoli Dr. Agius Decelis dwar in-nuqqas ta' aċċess fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Is-Sindku kien spjega li l-komunità tal-Iklin qed tikber fl-età u kien għalhekk importanti li tiġi indirizzata din l-*issue* tal-aċċessibblità fil-lokal minn kull aspett partikolarment l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill għaliex huwa problematiku għall-anzjani u għall-persuni bi problemi ta' mobilità. Is-Sindku staqsa dwar xi skemi li jeżistu fil-mument biex il-Kunsill ikun jista jibbenifika minn xi skemi eżistenti. Peress li l-Kunsill ma kellu l-ebda żvilupp minn dik il-laqgħa, kien deċiż li l-Kunsill jieħu deċiżjoni fl-aħjar interess tal-lokal u tal-komunità. Billi l-Uffiċċju tal-Kunsill huwa post pubbliku u naturalment iffrekwentat mill-pubbliku li jiġi biex jinqeda mis-servizzi li jipprovdi l-Kunsill, u peress li l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill mhuwiex aċċessibbli għal min għandu problemi ta' mobilità, il-Kunsill deherlu li kien wasal iż-żmien biex jistalla *outdoor stair lift* biex il-fond ikun aċċessibbli. Huwa ppjanat li l-*outdoor stair lift* jiġi stallat fl-ewwel ġimgħa tas-sena l-ġdida 2019.

**Is-sit ta' San Mikiel**

B'reazzjoni għall-laqgħa li kienet saret mal-Onor. Segretarju Parlamentari, is-Sur Chris Agius nhar id-29 ta' Diċembru 2017 dwar is-sit ta' San Mikiel fejn għal din il-laqgħa kienu ġew mistiedna l-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, rappreżentanti tal-Club Lija Athletics, rappreżentant ta' Lija/Iklin FYN, il-Viċi President tal-Malta Football Association, u CEO ta' Sport Malta bil-għan li l-proġett propost jimxi 'l quddiem, din il-laqgħa u l-eżitu tagħha baqa' ma ħallietx ir-riżultati mixtieqa.

Dan għall-fatt li matul is-sena 2018, is-sit li kien ingħata b'*encroachment* lill-privat ingħata l-asfalt wara li l-applikant kien ottjena l-permess mingħand l-Awtorità għall-asfaltar u parkeġġ temporanju. B'reazzjoni għal din l-applikazzjoni, il-Kunsill Lokali deherlu li għandu jissottometti oġġezzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar biex jinforma lill-istess Awtorità bil-pjan tal-Kunsill fuq dan is-sit.

Il-Kunsill kien notifikat mill-Awtorità tal-Ippjanar li l-applikazzjoni għall-permess PA/09900/17 kien approvat mill-Awtorità tal-Ippjanar nhar is-26 ta' Jannar 2018 biex isir l-asphalt u parkeġġ temporanju fis-sit ta' San Mikiel.

L-Onor. Chris Agius kien ukoll infurmat bil-ħruġ ta' dan il-permess.

**Lija/Iklin Football Youth Nursery**

F'Mejju li għadda, il-Kunsill Lokali L-Iklin kien irċieva komunikat mis-Segretarju ta' Lija Athletic F.C. dwar il-Kumitat ta' Lija/Iklin Football Youth Nursery fejn issemmew numru ta' nuqqasijiet li kienu qed iseħħu fl-istess Nursery. Il-Kunsill Lokali L-Iklin bħala ko-fundatur ta' Lija/Iklin Football Youth Nursery kellu interess dirett biex jintervjeni biex jindirizza din il-materja mingħajr dewmien.

Is-Sindku Anthony Dalli, bil-kunsens unanimu tal-Kunsill sejjaħ laqgħat mall-Uffiċċjali tal-Kumitat Lija/Iklin Football Youth Nursery u rappreżentanza tal-Parent Club Lija Athletic F.C. biex iservi bħala medjatur bl-iskop li jintlaħaq ftehim u jinstabu soluzzjonijiet biex in-Nursery tibqa miexja 'l quddiem għall-ġid tat-tfal kollha li jitħarrġu fil-logħba tal-futbol.

**L-attività edukattiva 'Festa tal-Fjuri' 2018**

L-attività edukattiva 'Festa tal-Fjuri' tista tgħid li daħlet fil-kalendarju tal-attivitajiet tal-Kunsill fejn għal sena oħra, din l-attività ittellgħet nhar it-12 ta' Mejju fi Triq Anton Buttigieg. Din l-attività saret bil-kollaborazzjoni ta' Environment Landscapes Consortium Ltd, l-għaqdiet tal-lokal u l-Iskola Primarja Lija-Balzan-Iklin. L-attività kulturali 2018 ħalliet ir-riżultati mixtieqa għalkemm il-Kunsill jibqa jistenna ferm aktar konkorrenza mir-residenti tal-Iklin.

Il-Kunsill Lokali L-Iklin kien welled din l-ideja mill-isem li ġġib din il-lokalita 'L-Iklin' (Rosemary) li hija x-xitla jew aħjar ħaxixa aromatika li f'Malta tikber faċilment u nsibuha f'diversi nħawi, nkluż fl-Iklin. Din ix-xitla għandha l-benefiċċji tagħha għaliex għandha użu mal-ikel u x-xorb apparti li minn din ix-xitla jsiru wkoll żjut naturali. Xi xarba klin ma naqsitx minn fuq *stand* li kien armat mill-Kunsill biex iservi *rosemary drink tasting, fruit cake*, u frott biex il-Kunsill jippromwovi 'a healthy lifestyle'.

L-attività kienet immirata għall-familja kollha. Kull min xtaq jixtri xi rigal għal Jum l-Omm, kien hemm *stands* armati bi fjuri friski, xtieli, u ħwawar matul il-ġurnata.

Matul din l-attività, kien hemm sezzjonijiet differenti li kienu jinkludu *public talks* dwar suġġetti varji relatati man-natura u diskussjonijiet oħra interessanti minn kelliema kompetenti fosthom Alfred Baldacchino, Dr. Antoine Vella, Jeffrey Sciberras minn Nature Trust Malta, Andrew Zahra minn WasteServ Malta u John Gauci mill-Malta Organic Agriculture Movement li ttrattaw suġġetti dwar Siġar Maltin, Siġar tal-frott fil-Ġnien, l-ekoloġija lokali, il-kunċetti wara l-produzzjoni tal-ikel imsejjaħ organiku.

Kienu parteċipi l-għaqdiet tal-lokal fejn b'mod volontarju tellgħu *flower stands* bil-kollaborazzjoni ta' entitajiet kummerċjali li kienu lesti jappoġġjaw din l-attività.

Kienu wkoll parteċipi l-Kulleġġ tal-Iskola Primarja Lija-Iklin-Balzan, id-Dar tal-Providenza, u WasteServ Malta Ltd.

Is-sezzjoni għall-kreattività bit-tema 'Arti tal-Fjuri' din is-sena kienet fdata f'idejn Iklin Scout Group fejn it-tfal qattgħu in-nofs ta' nhar ta' filgħodu jpinġu disinni fuq *pots* tal-fuħħar bi preparazzjoni għal Jum l-Omm.

Ġiet mistiedna l-Banda San Pio X biex tferraħ il-pubbliku bil-marċi u mużika allegra matul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu.

L-attrazzjoni prinċipali kienet il 'mini infiorata' fi Triq Anton Buttigieg u bħal ma sar matul dawn l-aħħar snin, lejn l-aħħar tal-attività, ir-residenti tal-Iklin kienu mistiedna jiġbru x-xtieli biex iżejna l-ġonna, parapetti, galleriji u l-aperturi tar-residenzi bħala *token* ta' din l-attività.

Kien ta' sodisfazzjoni kbir għall-Kunsill li din l-attività edukattiva tat ukoll l-ispazju lid-Dar tal-Providenza biex tkun f'qalb din l-attività.

- Is-sena 2018, il-Kunsill Lokali ta prijorità lis-Sala tal-Kunsill li tinsab fi Triq Lewis F. Mizzi biex isiru t-tiswijiet strutturali. Sar il-proċess tal-akkwist pubbliku biex jinbidel is-saqaf tal-fond 'Wilson Garage' li ġie trasformat f'Sala tal-Kunsill biex jintuża għal skop soċjali. Fil-fatt, il-Kunsill kien ottjena l-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar fejn sar *Regularisation* tal-fond u aktar tard ħareġ il-permess biex ikunu jistgħu isiru t-tiswijiet strutturali. F'Novembru bdew ix-xogħlijiet mill-kuntrattur appuntat mill-Kunsill u fejn huwa maħsub li s-Sala tal-Kunsill terġa tibda taqdi l-funzjoni tagħha fis-sena 2019 bħala spazju aċċessibbli għal kulħadd.

**Attivitajiet soċjali**

F'Jannar, saret ċerimonja mil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali flimkien mall-Kunsill Lokali L-Iklin permezz tal-għoti ta' ċertifikati tal-proġett 'Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar – Kors b'xejn li kien jikkonsisti f'10 sessjonijiet u fejn ir-residenti tal-Iklin setgħu japplikaw biex jattendu għal dan il-kors interessanti.

Fil-fatt, kienu (25) persuna mill-Iklin li attendew għal dawn is-sessjonijiet.

**Attivitajiet soċjali għall-komunità tal-Iklin bħala mezz ta' *community engagement***

Il-Kunsill Lokali jibqa jemmen fis-sħiħ dwar parteċipazzjoni attiva. Għal sena oħra, il-Kunsill żamm l-appuntamenti annwali tiegħu biex joħloq attivitajiet biex tipparteċipa l-komunità permezz ta' attivitajiet soċjali, kulturali, u dawk edukattivi.

Bejn 16 -18 Frar ġiet organizzata attività soċjali għall-komunità. Il-parteċipazzjoni kienet waħda sodisfaċenti.

It-Tlieta, 2 ta' Marzu – ġiet organizzata attività soċjali għal Jum il-Mara;

It-Tlieta 9 ta' Mejju – Jum l-Omm

Is-Sibt, 12 ta' Mejju - Festa tal-Fjuri

Il-Ġimgħa 14 ta' Settembru – Attività soċjali għall-komunità;

Fil-15 ta' Diċembru ġiet imtella attivita soċjali għall-komunità;

Fl-20 ta' Diċembru *'re-enactment'* tal-ġrajja qaddisa tal-Milied fit-toroq tal-Iklin.

Fl-23 ta' Diċembru ġiet imtella l-attività 'Ġej il-Father Christmas';

Fl-24 ta' Diċembru ttellgħet *performance* 'Lejl Mistenni' fil-Parroċċa tal-Familja Mqaddsa;

Fit-28 ta' Diċembru organizzata attività tal-Milied għat-tfal tal-komunità;

Fit-29 ta' Diċembru ġiet imtella 'Presentation Night' għall-ex Sindki u Kunsillieri, ex-Uffiċċjali u Membri ta' Lija/ Iklin Football Youth Nursery; ex-Segretarji Eżekuttivi fl-okkażjoni tal-25 anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali L-Iklin;

**Proġetti infrastrutturali fil-lokal**

- Is-sena 2018 kienet sena oħra mpenjattiva għall-Kunsill b'ħidma kontinwa mingħajr waqfien.

- Ix-xogħlijiet mibdija fis-sena 2017 fi Triq il-Wied kienu magħluqa fl-ewwel kwart tas-sena 2018. Proġett li ġie jiswa Eur43, 264.53c u b'fondi nġiebu mill-*Urban Improvement Fund* fi ħdan l-Awtorità tal-Ippjanar.

- Bħala parti mill-pjan ta' ħidma għal din is-sena, il-Kunsill għadda mill-proċess ta' Tendering għal xogħlijiet biex jitwettqu proġetti infrastrutturali fl-Iklin. Matul is-sena 2017, il-Kunsill kien applika għall-fondi tal-Unjoni Ewropeja għal xogħlijiet infrastrutturali fiż-żona rurali tal-Iklin relatat mal-iżvilupp u l-immodernizzar fis-settur agrikolu bl-iskop li ntejbu l-aċċess lill-bdiewa u r-raħħala fi Triq il-Ħwawar fil-parti ta' ġewwa qalb ir-raba' taħt il-miżura M4.3 *Rural Development Programme* 2014-2020 – *Support for Investments in infrastructure related to development, modernization or adaptation of agriculture and forestry*. Proġett stmat li jiġi jiswa *circa* €232,325. B'sodisfazzjon, il-Kunsill Lokali irċieva komunikat nhar il-15 ta' Diċembru 2017 li fuq rakkomandazzjoni tal-*Project Selection Committee*, il-proġett propost 'Enhancing Farm Access Roads in L-Iklin' kien magħżul taħt din il-miżura u fejn il-Kunsill Lokali L-Iklin b'investiment ta' Eur232,325. *Rural Development Programme* ser tikkontribwixxi Eur209, 093 filwaqt li l-Kunsill Lokali L-Iklin ser joħroġ 10% *co-financing* li jfisser ammont ta' Eur23, 233. F'Ġunju 2018, ingħata Tender lill-kuntrattur Asphaltar Ltd u f'Awwissu beda l-proġett fuq il-*water main* (underground infrastructure) tul Triq il-Ħwawar. Fuq rakkomandazzjoni tal-Perit, kien ikkummissjunat *land surveyor* biex isir *topographical survey* qabel ma jingħata l-asfalt tat-triq tul ta' 750 metru tul bi 8 metri wiesa. Fix-xhar ta' Diċembru ingħatat l-ewwel parti tat-triq u x-xogħol ser jiġi konkluż fix-xhar ta' Jannar 2019. Id-dewmien fit-tkomplija tal-proġett kien dovut minn fatturi esterni (external factors) fejn il-Kunsill m'għandux kontroll assolut fuq is-sitwazzjoni.

- F'Novembru tas-sena 2017, il-Kunsill kien applika taħt miżura oħra M4.4 – *Investments in Physical Assets – Support for non-productive investments linked to the achievement of agri-environment-climate objectives* bil-proġett propost restawr u rikostruzzjoni ta' ħitan tas-sejjiegħ f'diversi żoni madwar L-Iklin li jinsabu fi stat ta' dilapidazzjoni fi Triq in-Namur, parti minn Triq Għargħur, Sqaq Ġarda, u Triq Richard Taylor. F'Settembru 2018, il-Kunsill irċieva mingħand *Funds and Programmes Division* li l-Kunsill kien ikkwalifika taħt il-miżura M4.4 fejn il-Kunsill ser jibbenifika minn €176,500.86 (VAT inkluż) minn fondi permezz ta' ko-finanzjament 80%-20%. Il-*Grant Agreement* ġie ffirmat f'Diċembru 2018 u l-Kunsill se jkun qed jipprepara l-proċess tal-akkwist pubbliku biex jibdew ix-xogħlijiet fis-sena 2019. Fil-frattemp, ġew sottomessi l-applikazzjonijiet għall-permess ta' żvilupp mal-Awtorità tal-Ippjanar.

- Matul is-sena 2018, il-Kunsill Lokali kompla jinnota żieda fl-applikazzjonijiet għall-permessi ta' żvilupp fil-lokalità. Il-Kunsill iddedika ħafna ħin mir-riżorsi limitati tiegħu biex isegwi l-applikazzjonijiet kollha li jidħlu fuq L-Iklin. Il-Kunsill, min-naħa tiegħu ikun qed isegwi *policies* eżistenti tal-Awtorità biex jissottometti ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu fil-ħin kull darba li tinħass il-ħtieġa. Kien hemm istanzi fejn il-Kunsill kellu jattendi għas-smiegħ fil-*Planning Board* biex jagħmel il-każ tiegħu biex iħares u jissalvagwardja l-interess tal-lokal partikolarment f'siti ODZ bil-għan li nipproteġu ż-żona rurali.

Il-Kunsill Lokali huwa kawt fil-mod ta' kif jiġu amministrati l-fondi pubbliċi. Bħala prijorità, il-Kunsill Lokali jassigura li jkopri l-kuntratti obbligatorji li jinkludu s-servizzi tal-*Accountant*, tal-Perit, il-Konsulenti tal-Kunsill, il-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart domestiku, s-servizz tal-ġbir tal-WEEE u bulky refuse, is-servizz tal-knis u l-indafa pubblika, is-servizz tal-manutenzjoni tal-Parki, ġonna u *soft areas*, il-manutenzjoni tat-toroq u l-bankini, s-servizz tal-manutenzjoni tal-lampi tat-toroq (street lighting), il-manutenzjoni tas-sinjali tat-traffiku u l-marki taż-żebgħa, u servizzi oħra. Ma' dawn il-kuntratti obbligatorji, hemm in-nefqa amministrattiva u dik kapitali fejn il-Kunsill Lokali jimbarka fuq proġetti ġodda biex ikompli jtejjeb u jsebbaħ l-infrastruttura tal-lokal.

**Attendenza tal-Kunsillieri għas-seduti tal-Kunsill**

| IT-TMIEN KUNSILL | | | 2018 | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| LAQGHA NO. | DATA | GURNATA | DALLI ANTHONY | SCIBERRAS DORIAN | BUTTIGIEG WILFRID | AZZOPARDI MARIS | BARTOLO YVONNE |
| 48 | 09/01/2018 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 49 | 06/02/2018 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 50 | 27/02/2018 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 51 | 20/03/2018 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 52 | 10/04/2018 | It-Tlieta | IVA | ITTRA B'APOLOĠIJA | IVA | IVA | IVA |
| 53 | 24/04/2018 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 54 | 22/05/2018 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 55 | 19/06/2018 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 56 | 16/07/2018 | It-Tnejn | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 57 | 21/08/2018 | It-Tlieta | IVA | IVA | ITTRA B'APOLOĠIJA | IVA | IVA |
| 58 | 11/09/2018 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 59 | 16/10/2018 | It-Tlieta | IVA | ITTRA B'APOLOĠIJA | IVA | IVA | IVA |
| 60 | 06/11/2018 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 61 | 26/11/2018 | It-Tnejn | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 62 | 18/12/2018 | It-Tlieta | IVA | IVA | ITTRA B'APOLOĠIJA | IVA | IVA |

Il-Kunsill Lokali ltaqa' formalment 15-il darba. L-attendenza tal-membri fil-Kunsill kienet waħda sodisfaċenti. Il-laqgħat huma pubbliċi u *streamed live* għall-benefiċċju tar-residenti u l-pubbliku nġenerali.

Is-Sindku Anthony Dalli attenda għas-seduti kollha tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku Dorian Sciberras attenda 13-il-seduta tal-Kunsill u kien assenti b'aploġija (2) laqgħat. Il-Kunsillier Wilfrid Buttigieg attenda 13-il seduta u kien assenti b'apoloġija (2) laqgħat. Il-Kunsillier Maris Azzopardi attendiet għas-seduti kollha. Il-Kunsillier Yvonne Bartolo attendiet għas-seduti kollha tal-Kunsill.

**Kontijiet Bankarji**

**Bilanċi fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank sal-31.12.2018**

| | | |
|---|---|---|
| HSBC Bank: | Kont Kurrenti: | Eur159,548.75c |
| HSBC Bank: | Kont Savings: | Eur40,397.40c |
| HSBC Bank: | Kont Fiss (1) | Eur7,316.10c |
| HSBC Bank: | Kont Savings | Eur40,687.09c |
| HSBC Bank: | Bank Guarantee | Eur2,000.00 (expires 13th Nov 2019 icw PA/01645/18 |

| | | |
|---|---|---|
| BOV plc | Kont Kurrenti: | Eur2,120.64c |
| BOV plc | Kont Kurrenti: | Eur0.01c (Ecommerce Merchant Account) |

| | |
|---|---|
| Petty Cash | Eur69.88 |

**Għeluq**

Nikkonkludi dan ir-rapport billi nirringrazzja lis-Sindku Anthony Dalli tas-sapport u l-impenn sħiħ tiegħu u lill-Kunsillieri tad-disponibiltà, l-impenn u l-kontribut tagħhom lejn ir-residenti u l-lokalità. Nixtieq nirringrazzja pubblikament lill-amministrazzjoni tar-responsabbiltà, l-integrità u l-motivazzjoni tagħhom matul is-sena kollha, lill-ħaddiema assenjati mall-Kunsill u fl-aħħarnett lir-residenti ta' din il-lokalità li tappoġġjaw l-inizjattivi li jieħu l-Kunsill fl-aħjar interess tar-residenti u tal-lokal.

Etienne Montfort

Segretarju Eżekuttiv

10/01/2019